

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2006/2018B(BUD)

13.9.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 – 2006/2018B(BUD))

Taqsimi I - Il-Parlament

Rapporteur għal opinjoni: Peter Šťastný

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq li l-Parlament Ewropej qed jipproponi, jorganizza u jikkofinanzja b'mod konġunt il-"Konferenza Parlamentari dwar l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerè (WTO)" flimkien ma' l-Għaqda Interparlamentari (Inter-Parliamentary Union), organizzazzjoni bbażata f'Ġinevra
2. Jinnota li l-"Konferenza Parlamentari dwar l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerè (WTO)" hija forum li fih membri minn parlamenti madwar id-dinja jieħdu sehem fi skambju ta' opinjonijiet, informazzjoni u esperjenzi dwar kwistjonijiet ta' kummerè internazzjonali u jipprovdu dimensjoni parlamentari lid-WTO permezz ta':
 - (i) sorveljanza ta' l-attivitajiet tad-WTO u promozzjoni ta' l-effettività u l-ugwaljanza tagħhom;
 - (ii) promozzjoni tat-trasparenza tal-proċeduri tad-WTO u titjib fid-djalogu bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili, u;
 - (iii) bini tal-kapaċità fil-parlamenti fi kwistjonijiet ta' kummerè internazzjonali u eżerċitar ta' influwenza fuq id-direzzjoni tad-diskussjonijiet fi ħdan id-WTO;
3. Itenni l-għan dikkjarat tiegħu li jakkumpanja n-negozjati tad-WTO bi proċess parlamentari u l-organizzazzjoni ta' Konferenzi Parlamentari u , għalhekk, jisħaq li ser ikun dejjem meħtieġ li din l-attività kruċjali tkun iffinanzjata; jinnota, f'dan ir-rigward, li fl-2007 ser ikun hemm ta' l-anqas sessjoni waħda tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO li ser issir jew fi Brussell jew f'pajjiż membru tad-WTO, skond ir-riżultati tar-Rawnd ta' Doha, u żewġ laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija (Steering Committee) tagħha f'Ġinevra;
4. Jitlob li t-titolu u r-rimarki tal-linja 3 0 4 4 jiġu emendati sabiex ikun ċar li din il-linja tkopri speċifikament l-ispiża konnessa ma' l-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO u l-Kumitat tat-Tmexxija tagħha;

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima I - il-Parlament
Numru tal-proċedura	2006/2018B(BUD)
Kumitat responsabbli	BUDG
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Peter Šťastný 25.1.2006
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	11.7.2006
Data ta' l-adozzjoni	12.9.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Daniel Caspary, Giulietto Chiesa, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Jacky Henin, Filip Andrzej Kaczmarek, Alain Lipietz, Erika Mann, Helmuth Markov, Georgios Papastamkos, Peter Šťastný, Johan Van Hecke, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Robert Goebbels, Antolín Sánchez Presedo, Mauro Zani
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...